**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**

**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 11 ta' Frar 2025**

Rikors Numru: 584/2024 AL

Ab

U

CD

(M.R. Numru 33/2017)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu esponew:

1. Illi l-partijiet ikkuntrattaw unjoni civili fil-Belt Valletta, fl-1 ta' Lulju 2017 fir- Reġistru Pubbliku (kif indikat fiċ-ċertifikat taż-żwieġ anness immarkat bħala **Dokument A)**;

2. Illi minn din l-unjoni ma twieldu ebda tfal;

3. Illi permezz ta' ftehim ta' separazzjoni datat it-23 ta' Frar 2021, fl-atti tan-Nutar Peter Fleri-Soler, il-partijiet xoljew il-kommunjoni tal-akkwisti li kienet teżisti bejniethom, u li l-unjoni tagħhom kienet tkissret irrimmedjabbilment minħabba raġunijiet li huma suffiċjenti skont il-liġi (kopja tal-imsemmi ftehim hija mmarkata bħala **Dokument B)**;

In vista tas-suespost, **Artiklu 66B(b)** ta' Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ġie sodisfatt kif xieraq.

4. Illi kif mitlub taħt Artiklu **66B(C)** ta' Kapitlu 16 tal-liġijiet ta' Malta, m'hemm l-ebda prospett ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet billi jgħixu ħajja separata minn xulxin, saħansitra jgħixu f'pajjiżi differenti minn xulxin;

5. Illi kif inhu dikjarat fil-kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet rinunzjaw reċiprokament mid-dritt tagħhom li jitolbu u jirċievu manteniment b'mod assolut u irrevokabbli. Għaldaqstant, anke Artiklu 66B(d) ġie sodisfatt.

6. B'hekk, il-kriterji kollha imposti mil-liġi għall-kisba tad-divorzju kif stabbilit **f'Artiklu 66B** ta' Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ġew sodisfatti.

Ghaldaqstant, rikorrenti umilment jitolbu lil din il-Qorti Onorabbli sabiex;

1. Tiddikjara l-hall tal-unjoni civili bejn il-partijiet skont l-Artiklu 66C;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati, jinnotifika d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, skont l-Artiklu 66A(4), biex dan jiġi rreġistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat l-affidavits bix-xiehda taz-zewg partijiet;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Jannar 2025;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex unjoni ċivili tinħall  u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-23 ta' Frar 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall tal-unjoni ċivili bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir res judicata javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall tal-unjoni ċivili tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.